# IL - MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU
1963

ROYAL ... OF MA... MELITENSIA ... LIBRARY

# IL-POETA RUZAR BRIFFA

*Fi ftit xhur il-Musa Maltija tilfet tlieta mill-aqwa talenti mnebbħin minnha u lill-Gżira tagħna naqsulha* ***tlieta mill-*** *aqwa rġiel imsaħħrin warajha. Dun Karm Psaila, Patri Atanasju Cuschieri u Rużar Briffa kienu tliet kolonni li jirfdu l-letteratura Maltija u jwieżnu s-sentiment patrijottiku ta' ġensna. Imma għalkemm magħqudin flimkien f'ideal wieħed kull wieħed mit-tliet ġenji kellu xejra għalih innifsu u lehma li tagħżlu mill-oħrajn.*

*Dun Karm kien il-poeta nazzjonali, Patri Cuschieri kien il-poeta tal-Madonna u lil Rużar Briffa nistgħu nsejħulu l-poeta tal-qalb għax naħseb li ftit għarfu jfissru daqsu t-tqanqil, ix-xenqiet, il-ħlewwa u l-imrar li jaħkmu fuq il-qalb u jagħsruha jew iferfruha skond il-hena jew il-ħasra li trodd il-ħajja. Din, naħseb kienet il-fehma tal-poeta l-ieħor Ġużè Chetcuti meta kiteb "Fil-Mewt tat-Tabib Rużar Briffa" dawn il-versi:*

> "................'Mma l-ġmiel u s-saħħà
> ta' versi sbieħ, bħalma pittur fuq tila,
> tibqa' turina u l-qalb bihom tferraħha"

*Poeti oħrajn kitbu fuq ix-xejriet ta' qalb il-bniedem, imma l-kitba tagħhom fiha leħen għoli li donnu jrid jiġbed is-simpatija jew jolqot il-widna, filwaqt li l-poeżija ta' Briffa issamma' bħal karba jew tnehida li tqanqal ir-ruħ. Poeti oħra jiftħu qalbhom u jfittxu mogħdrija jew faraġ fost il-bnedmin, għall-kuntrarju Briffa kellu xejra introspettiva u kien iħobb jingabar fih innifsu, jistħarreġ il-ħsiebijiet ta' moħħu jew imaħħaħ fuq l-imġieba ta' għajru.*

*Minn hawn ġej li kulma kiteb Briffa ħareġ taħt għamla mfassla fuq tliet xempji: fantażija, ħajja, lehma għolja u qalb sensitiva. Il-poeżija tiegħu ma tgħawwiġx is-sewwa jew turi ħaġa b'oħra, iżda hi veriliera, safja u sagrosanta; hi l-mera tan-natural tal-poeta; raġel sewwa, ħabib sinċier, nisrani tajjeb u bniedem maqtugħ għalih, bniedem li ma jedhiex bil-frugħat jew bit-tlellix tal-ħajja, imma hu raġel għaqli u ġwejjed, medhi b'xogħlu u msaħħar mill-ġmiel tal-ħolqien. Briffa kellu sens partikolari għall-ġmiel u għas-sbuħija* (Sbuħija), *hu kien jogħxa*

*jħares imqar lejn warda tfuħ għadha kemm tiftaħ* (Xebħ) *jew lejn għasfur mimli ħajja u ħeffa jpespes fuq siġra* (Lil Għasfur Igħanni). *Jiena rajtu mitluf jitgħaxxaq b'xitla mimlija ward fil-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, rajtu wkoll jieqaf jissamma' l-għana ta' għasfur fuq fergħa fil-ġnien ta' l-Argotti.*

*Briffa ma kienx jikteb għall-kotra u anqas ma kien iħaddem il-pinna biex jikseb tifħir u nċensar; bil-kitba tiegħu kien ifittex jagħti sura, aktarx romantika, lil xi ħsieb jew xbieha li tnisslu fil-fantażija ħarkiena tiegħu u hekk iwassalhom lill-qlub magħżulin li bħal tiegħu jistgħallu l-ħajr u s-sliem. Il-poeżija tiegħu hi eku tas-sentimenti grazzjużi u mirqumin li jnebbħu r-ruħ sensibli tiegħu u jgħolluha 'l fuq mill-materjaliżm tal-ħajja ordinarja. Billi t-talent tiegħu kien imseddaq mill-ġmiel, Briffa ma kienx jikkuntenta bl-ewwel sura li jieħdu l-versi tiegħu, iżda kien idum ħafna jagħġinhom, jorqomhom u jsebbaħhom sakemm iġibhom jaqblu mal-lehma ta' moħħu u max-xewqa ta' qalbu.*

*Briffa ma kienx poeta minħabba x-xejra letterarja li kellu biss*; *hu kien poeta minn qaddisu, u għalhekk kien iħoss x'jimbuttah biex jagħti sura poetika lill-immaġinazzjonijiet li dikment jitnisslu fil-fantażija tiegħu. Xogħol, għawġ, taħwid tal-ħajja, għira tal-bnedmin, ħadd u xejn ma kien jista' jżommu li jiftaħ il-bwieb tal-fantażija tiegħu u jħalli joħorġu gliegel ta' ġmiel u ta' seħer li bħal wied ikarkru quddiemhom il-ħotob tal-ħajja u jsaqqu l-qlub għajjinin u mxennqin għas-serħ u għas-sliem. Mhux darba jew tnejn meta konna niltaqgħu u mmorru nagħmlu passejn flimkien, waqt li nkunu nitkellmu fuq it-tweġħir li niltaqgħu miegħu, Rużar kien f'daqqa waħda jieqaf u jaqleb il-kliem; kien jinsa mard, kura, dmirijiet ta' l-uffiċċju u erħilu jtaqtaq dwar versi, aċċenti u sillabi. Madanakollu, Briffa ma kienx iħobb iraqqaq fil-grammatka u anqas ma kien jintilef wara l-ortografija*; *għalih kienet aktar tgħodd il-materja mill-forma*; *il-ħafna korrezzjonijiet li wieħed jara fl-manuskritti tiegħu huma aktar dwar l-espressjoni tal-ħsieb milli dwar is-sura ta' l-idea*; *għalih kienet aktar issarraf il-qalb milli l-qoxra tal-ħidma poetika.*

*Briffa kellu qalb ħanina* (Wieħed Biss), *sensibli* (Swied il-Qalb) *u mimlija mogħdrija* (Il-Għanja ta' l-Imnikket). *Hu kien iħoss ġibda lejn għajru u għalhekk fil-poeżija tiegħu wieħed jintebaħ b'ħarira ta' ħniena u sedqa u tolleranza għall-ġeneru uman. Hu aktar kien jgħolli s-sabiħ u jagħżlu mill-ikraħ fil-ħajja tal-bniedem. Hu kien jogħxa wara t-tajjeb, iżda ma kienx iġenneb il-ħażen; mhux biss, iżda kien jixtieq igħinu u jfarrġu.*

*Il-lum il-poeta Rużar Briffa ma għadux magħna, imma qabel ħalliena hu kebbes nar ta' dawl qawwi u fetaħ triq ta' riżq: it-triq twassal għall-faraġ tal-qalb u għas-serħien tal-moħħ, id-dawl imexxina lejn dawk iż-żewġ sisien tal-hena tar-ruħ li mingħajrhom il-ħajja tal-bniedem ma fiha l-ebda riżq u barka.*